TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 522/11/GZ

**Maryanne u Joseph Gatt**

**vs**

**Aplan Ltd.**

Illum 12 ta' Lulju 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-14 ta' Dicembru, 2011 fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni ta' elf u erbgha mitt Ewro (€1,400.00), rapprezentanti l-prezz li hallsu ghal fridge, liema fridge baqghet difettuza wara li r-rikorrent ipprovaw inehhu l-plastik protettiv minn fuqha.

Is-socjeta'. ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Huma kienu xtraw il-fridge in kwistjoni tramite 'Casa D'Arte', fejn il-fridge flimkien ma' zewg appliances ohra kienu waslu d-dar fit-22 ta' Gunju 2010. Fil-1 ta' Settembru 2011, kien mar it-tekniku biex jiftah il-garanzija. Hekk kif telaq, ir-rikorrenti kienu bdew inehhu l-plastik irqiq blu li bih kienet miksija l-fridge, ghaliex issa l-fridge kienet giet mixghula u r-rikorrenti kienu ser jibdew juzawha. Minn fuq zewg gnub tal-fridge il-pastik telaq malajr, filwaqt li genb minnhom il-plastik kien baqa' mwahhal, u dan kien ammont kbir minnu. Dak il-hin stess, ir-rikorrenti kienu cemplu lis-socjeta' ntimata, u cioe' fit-13 ta' Settembru 2011, fejn hija kienet baghtet persuna biex tnehhi l-plastik, izda din il-persuna ma kienx irnexxielha tnehhieh. Huwa kien ha

ritratti u qal lir-rikorrenti li kienu ser icemplulhom. Minn dakinhar, ir-rikorrenti kienu cemplu lis-socjeta' ntimata diversi drabi, fejn it-twegiba kienet illi hija kienet ser icemplilhom lura biex taghtihom risposta.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

It-talba tar-rikorrenti tikkoncerna xiri ta' prodotti minghand is-socjeta' 'Casa D'Arte' u mhux minghand is-socjeta' ntimata. Minbarra hekk, il-prodotti gew ikkonsenjati lir-rikorrenti f'Gunju tal-2010. L-ilment tar-rikorrenti jikkoncerna l-ippakkegjar tal-plastik li minn naha tqaxxar facilment bhas-soltu waqt li ma setghax jitqaxxar sew minn naha l-ohra. Biex gara dan bil-fors li din in-naha tal-prodott giet espostha ghal zmien twil jew fid-dawl tax-xemx jew ghal xi sors iehor ta' shana. M'hemm l-ebda raguni teknika jew logika ohra li tista' tispjega dan il-fatt. Kieku kien hemm xi difett minn naha tal-prodott, wiehed jistenna li dan jigri fuq iz-zewg nahat u mhux fuq naha wahda biss, bhala ma hu dan il-kaz partikolari.

Ghaldaqstant, is-socjeta' ntimata qieghda titlob illi jigi ddikjarat illi hija m'ghandha l-ebda responsabbilita' ghal dan, li fuq kollox qatt ma jista' jigi kkunsidrat bhala non-konformita' tal-prodott.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti Maryanne Gatt, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, billi stqarret li hija kienet xtrat kcina kompluta minghand 'Casa D'Arte Ltd'. Meta gew biex ipoggu l-fridge-freezer f'postha, din kellha xi plastik tal-fabbrika mwahhal ta' kulur blu u li dan ma ried jinqala' b'xejn. Ghalhekk hija bdiet iccempel lis-socjeta' ntimata sabiex imorru jnehhu l-plastik, pero' l-istess socjeta' baqghet tinsisti li m'hijiex responsabbli ghal dan.

Ir-rikorrenti ezebew kopja ta' l-ircevuta, iffirmata mir-rikorrenti u s-socjeta' 'Casa D'Arte Ltd' u ddatata 15 ta' Frar 2010, ghall-appliances li kienu inxtraw minghand 'Casa D'Arte Limited' fl-ammont totali ta' tliet elef erbgha mija tnejn u ghoxrin Ewro (€3422.00) – il-prezz tal-fridge-freezer in kwistjoni bil-prezz indikat ta' elf sebgha mija hamsa u sebghin Ewro (€1775.00), li giet immarkata bhala Dok.MG; set ritratti li gew immarkati bhala Dok.MG1, Dok.MG2 u Dok.MG3; flimkien ma' kopja tal-garanzija ffirmata u mahruga minn 'The Atrium' li giet immarkata bhala Dok.MG4.

It-Tribunal jikkonsidra illi in kontro-ezami, l-istess rikorrenti xehdet illi ma kenitx tiftakar liema socjeta' kienet ghamlet id-delivery tal-fridge in kwistjoni.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub u ziedet tghid illi ma kenitx ir-responabbilita' taghha, u li fil-fatt il-plastik ma jaqax taht il-garanzija. Stqarret ukoll li l-plastik probabbilment baqghet imwahhla ghaliex kienet esposta ghas-shana. Kompliet tistqar illi hija kienet effetwat id-delivery ta' l-appliances f'Gunju tal-2010 u ghalhekk ma tistax tinzamm responsabbli ghal dak li gara f'Settembru tal-2010. Stqarret ukoll illi hija kienet baghtet tekniku sabiex issolvi l-problema, pero' it-tnehhija tal-plastik li baqgha mwahhal hija bicca xoghol li tant tiehu hin illi t-tekniku kien qatgha qalbu.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien mal-fatt li ma ngabet l-ebda prova rigwardanti r-responsabbilita' tas-socjeta' ntimata u dana a bazi tal-fatt illi l-unika prova li ngabet kienet illi l-kuntratt ta' bejgh sar bejn ir-rikorrenti u s-socjeta' 'Casa D'Arte Limited', qed jichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**